



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1767/2012, imressqa minn Fulvio Albano u oħrajn, ta' ċittadinanza Taljana, dwar il-ksur tad-Direttiva 2004/18/KE dwar il-kuntratti pubbliċi (l-Italja)

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanti, li huma sidien ta' negozji fis-settur tas-saħħa u li l-petizzjoni tagħhom hija appoġġjata mill-assoċjazzjoni AssoBiomedica, jindikaw ksur possibbli tal-liġi tal-UE, u b' mod partikolari tad-Direttiva 2004/18/KE, mill-awtoritajiet Taljani. Huma jindikaw ukoll serje ta' regoli stabbiliti fil-Liġi Nru 135 tas-7 ta' Awwissu 2012, li jirrikjedu li l-kuntratti pubbliċi fis-settur tas-saħħa jiġu negozjati mill-ġdid u jagħtu lill-emittenti tal-offerta l-possibilità li jirtiraw minn kuntratt f'każ li dan jiġi negozjat mill-ġdid, mingħajr ma jkollhom iħallsu kumpens, u sussegwentament jagħtu kuntratti ġodda direttament.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-12 ta' Lulju 2013. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fid-29 ta' Awissu 2014

Wara li rċeviet l-petizzjoni u lment mingħand l-istess assoċjazzjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni kkuntattjaw lill-awtoritajiet Taljani sabiex jirċievu l-informazzjoni meħtieġa għal analiżi fil-fond ta' din il-kwistjoni.

L-ewwel, il-petizzjonant isostni li n-negozjati mill-ġdid imsemmija hawn fuq jimplikaw modifika materjali tal-kuntratti pubbliċi, li tkun bi ksur tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku tal-UE. Madanakollu, mhux il-modifiki kollha tal-kuntratti pubbliċi huma kkunsidrati bħala

materjali skont il-liġi tal-UE. B'mod partikolari, il-liġi Taljana msemmija hawn fuq tipprovdi espliċitament li n-negozjati mill-ġdid ta' kuntratti ta' provvista u ta' servizzi għandhom inaqqsu l-prezzijiet tal-unità. Kif iddikjarat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ *Presstext Nachrichtenagentur GmbH* (C-454/06), emenda tal-element ta' prezz favur l-awtoritajiet kontraenti m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala emenda kuntrattwali materjali u għaldaqstant skont il-liġi tal-UE għandha tiġi kkunsidrata bħala permessa. Ir-riskju tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni fil-każ ta' tnaqqis fil-prezz jonqos meta mqabbel mas-sitwazzjoni taż-żidiet fil-prezzijiet, minħabba li t-tnaqqis fir-remunerazzjoni għandu jaħdem favur l-awtorità kontraenti u, b'mod ġenerali, itejjeb l-effikaċja ekonomika tal-implimentazzjoni tal-kuntratt.

Madankollu, jidher li l-liġi Taljana msemmija hawn fuq mhijiex ċara fir-rigward tan-negozjati mill-ġdid u ta' elementi essenzjali oħra tal-kuntratt bħal, pereżempju, il-kwalità u l-kwantità tal-provvisti u s-servizzi.

Safejn hija kkonċernata din il-kwistjoni, l-awtoritajiet Taljani impenjaw ruħhom li joħroġu ċirkolari indirizzata lill-awtoritajiet tas-saħħa, li għandha tipprojbixxi, f'konformità mal-liġi applikabbli tal-UE, in-negozjati mill-ġdid ta' elementi essenzjali oħra tal-kuntratti, bħall-kwalità jew il-kwantità tal-provvisti u s-servizzi.

It-tieni, il-petizzjonant jissuġġerixxi li, f'każ li l-kuntrattur oriġinali jirrifjuta n-negozjati mill-ġdid, il-liġi msemmija hawn fuq tippermetti lill-awtorità kontraenti tagħti l-kuntratti ġodda direttament. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Taljani ħarġu ċirkolari interpretattiva (ref. 5573 tas-27 ta' Frar 2013) li tikjarifika li din il-fakultà tista' tintuża biss għall-kuntratti li huma taħt il-limiti stabbiliti mid-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku u għalhekk ma tistax tintuża għall-kuntratti koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-UE.

Konklużjoni

Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Taljani impenjaw ruħhom matul il-kuntatti mas-servizzi tal-Kummissjoni li joħroġu ċirkolari li għandha tneħħi kull nuqqas potenzjali ta' ċertezza fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi u li jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE. Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja l-kwistjoni u ssegwi l-impenn li sar mill-awtoritajiet Taljani.

4. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Il-Kummissjoni kkunsidrat li d-diżpożizzjoni legali inkwistjoni kienet qed tqajjem żewġ aspetti ta' ksur potenzjali tal-liġi tal-akkwist pubbliku tal-UE:

- il-possibbiltà għall-awtoritajiet tas-saħħa li jimmodifikaw, matul in-negozjati mill-ġdid, elementi essenzjali oħra tal-kuntratt bħal, pereżempju, il-kwalità u l-kwantità tal-provvisti u s-servizzi.

- il-fakultà, għall-awtoritajiet tas-saħħa li rtiraw mill-kuntratti, li jiġu stipulati kuntratti ġodda jew billi jaċċedu għall-ftehmiet ta' qafas, jew b'għotja diretta għal kundizzjonijiet aħjar fl-estensjoni ta' kuntratti konklużi minn awtoritajiet tas-saħħa oħra.

Il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Taljani, permezz tas-sistema UE Pilota, sabiex jieħdu l-miżuri neċessarji li jiżguraw interpretazzjoni tad-diżpożizzjonijiet legali nazzjonali inkwistjoni li għandhom ikunu konformi mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku tal-UE.

Sabiex jiġi evitat l-istabbiliment ta' prattika interpretattiva li tippermetti lill-awtoritajiet tas-saħħa jinnegozzjaw modifiki sostanzjali tal-kuntratti, fl-1 ta' Awwissu 2014 l-awtoritajiet Taljani ħarġu ċirkolari interpretattiva (Nru ta' Ref. DGPROGS 0021563-P-01/08/2014) indirizzata lir-Reġjuni. Iċ-ċirkolari tistabbilixxi li l-obbligazzjoni tan-negozzjati mill-ġdid tal-kuntratti tirreferi biss għall-prezz tal-oġġetti u s-servizzi, u tistax tiġi estiża għall-elementi essenzjali oħra tal-kuntratt.

Fir-rigward tal-fakultà, għall-awtoritajiet tas-saħħa li rtiraw mill-kuntratti, li jiġu stipulati kuntratti ġodda jew billi jaċċedu għall-ftehmiet ta' qafas, jew b'għotja diretta għal kundizzjonijiet aħjar fl-estensjoni ta' kuntratti konklużi minn awtoritajiet tas-saħħa oħra, l-awtoritajiet Taljani ħarġu ċ-ċirkolari interpretattiva tal-Ministeru tal-Ekonomija 5573 tas-27 ta' Frar 2013, li tikjarifika li din il-fakultà tista' tintuża biss għall-kuntratti li huma taħt il-limiti stabbiliti tal-komunità. Din l-interpretazzjoni tiżgura li din il-fakultà ma tistax tintuża għal kuntratti koperti mill-kamp tad-Direttiva 2004/18/KE.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni tikkunsidra li dwan iż-żewġ ċirkolari msemmija hawn fuq jiżguraw interpretazzjoni tar-regoli kontestati li huma konformi mal-liġi tal-akkwist pubbliku tal-UE.